MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 458/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Christian Azzopardi**
**David Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Christian Azzopardi (ID 37888(M) u David Borg (ID 70689(M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Diċembru 2008 għall-ħabta ta' 01.45 hrs, waqt li kienu fl-inħawi tal-Providenza l/o Siġġiewi, kienu qed jonsbu għall-Pluvieri waqt staġun magħluq għall-insib tal-Pluvieri.

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom waqt attivita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006, art. 7(1)(d) u art. 7(2).

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċjaw jew ippruvaw jikkaċċjaw, ħadu jew ippruvaw jieħdu xi għasfur jew għasafar billi użaw il-mezz projbit ta' sors tad-dawl artificjali u dan bi ksur ta' l-A.L. 79/2006 Art. 7(1)(ċ).

Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kienu qed jonsbu mingħajr liċenzja maħruġa f'isimhom mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ottubru, 2010, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 79/2006, ir-Regolamenti 7(1)(d), 7(2), 7(1)(c) u 12(1), sabet lill-appellanti ħatja u għaldaqstant ikkundannathom multa ta' elf Euro (€1000) kull wieħed.
Ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika tal-liċenzja tal-kaċċa tal-appellanti għal sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti Christian Azzopardi [detentur tal-karta tal-identita' numru 37888M] u David Borg [detentur tal-karta tal-identita' numru 70689M] minnhom ippreżentat fid-29 ta' Ottubru, 2010, li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi in kwantu għall-appellant Christian Azzopardi, in vista ta' l-ammissjoni bikrija tiegħu, tirriforma w tvarja s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-20 ta' Ottubru 2010 u filwaqt li tirriformaha billi tinfliggi piena inqas minn dik li applikat l-Ewwel Qorti u fil-konfront ta' l-appellant David Borg tħassar u tikkanċella l-istess sentenza appellata għar-raġunijiet suesposti tilliberah minn kull imputazzjoni ħtija u piena, salv dak li din il-Qorti jogħġobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti u cioe':-

1. Illi fil-bidu tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, Christian Azzopardi ammetta mal-ewwel l-akkuzi fil-konfront tieghu. Tali ammissjoni saret b'mod inkundizzjonat għaliex l-istess Azzopardi nqabad fil-fatt mill-Pulizija mal-mansab fil-hin indikat fic-citazzjoni u fil-post indikat. Madankollu l-Ewwel Qorti ma hadetx in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-appellant meta giet biex tinfliġġi l-piena. Fil-fatt l-Ewwel Qorti, minkejja l-ammissjoni bikrija, infliġġiet piena ta' elf Euro multa fuq l-appellanti inkluż Christian Azzopardi. Minkejja li huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti x'tip ta' piena tinfliġġi, l-minimu stabbilit għal dan it-tip ta' reat huwa dak ta' €116 u cioe' LM 50 antiki. Il-massimu tal-multa huwa €1,164.49. Dan li apparti l-multa l-Qorti dejjem tista' tikkonsidra l-oġġetti esebiti u tordna wkoll sospensjoni tal-licenzji. Madanakollu, fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ghamlet biss talba specifika w cioe' dik li apparti l-piena jkun hemm il-konfiska ta' l-oggetti esebiti. Il-prosekuzzjoni ma nsistiex u ma ghamlitx talba biex ikun hemm ukoll sospensjoni tal-liċenzji tal-kaċċa jew insib. Is-sospensjoni tal-licenzji m'hijiex tassattiva imma diskrezzjonali. Għalhekk l-appellant Christian Azzopardi ma jistax jifhem kif minkejja l-ammissjoni bikrija tieghu, minkejja li l-prosekuzzjoni ma talbitx sospensjoni tal-licenzja, l-Ewwel Qorti infliggiet piena li tersaq qrib il-massimu stabbilit mil-ligi u fuq kollox, apparti li konfiskat l-oggetti esebiti kif talbet il-prosekuzzjoni, ssospendietlu l-liċenzja tal-kacca għal żmien sena. Aktar u aktar ma jistax jifhem il-ghala ngħata din il-piena minħabba li ma kien hemm l-ebda motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti l-għala ħadet dik id-deċiżjoni. Għaldaqstant fil-konfront ta' Christian Azzopardi biss qed ikun rilevat, wara li qed jerġa' jirribadixxi l-ammissjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, li fiċ-ċirkostanzi l-piena nflitta kienet waħda esaġerata u li għalhekk timmerita li tkun riformata fis-sens li tingħata piena anqas minn dik inflitta;

2. Fir-rigward ta' l-appellant David Borg, ma saret l-ebda ammissjoni u dan għas-sempliċi raġuni li l-appellant ma kienx fil-fatt qiegħed jonsob mal-appellant l-ieħor Christian Azzopardi. Mix-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti rriżulta ampjament illi fil-post kien hemm 4 persuni

fosthom l-appellanti, u żewġ persuni oħra li wiehed minnhom John Paul Mifsud xehed quddiem l-istess Qorti. Minn dawn il-provi rriżulta li minkejja li l-appellant David Borg kien fil-kamra ma' Jean Paul Mifsud u persuna oħra reqdin, il-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom, flimkien mal-appellant Christian Azzopardi, li nqabad fil-fatt, akkużaw ukoll lil David Borg li ma kienx barra ħdejn Azzopardi imma kien fil-kamra rieqed. Irriżulta mix-xhieda l-aktar ta' Jean Paul Mifsud li David Borg kien rieqed ħdejh, tant li ħassu jqum meta l-Pulizija fetħu l-bieb tal-kamra fejn kienu reqdin. Il-Pulizija minħabba li sabu lil Borg imqajjem ħarrkuh imma ma ħarrkux lit-tnejn l-oħra. B'dan il-kunflitt ta' provi ġie maħluq dubju favur l-appellant David Borg jekk fil-fatt kienx qieghed jonsob ma' Azzopardi. Biex Borg jinstab ħati ta' l-akkuzi jrid ikun stabilit li hu fil-fatt kien fil-fatt qed jonsob ghal Pluvieri, uża xi apparat elettroniku (bird caller) u dawl artificjali u dan kollu sar mingħajr ma kien liċenzjat biex jonsob. Effettivament biex Borg kien qed jagħmel dawn l-affarijiet kollha ried bil-fors ikun barra flimkien ma' Azzopardi, l-għaliex l-apparat kollu flimkien mal-mansab kienu bil-fors barra l-kamra w biex wiehed jagħmel użu minnu ried bil-fors ikun preżenti u maqbud fil-fatt. Is-semplici preżenza ta' individwu fil-kamra ma hijiex suffiċjenti biex persuna tinsab ħatja li kkommettiet dawn ir-reati u fil-fatt il-Pulizija ma mexxietx kontra ż-żewġ persuni l-oħra li kienu fil-kamra. Apparti minn dan kollu ġie ammess li l-apparat involut u li ġie konfiskat huwa ta' l-appellant Christian Azzopardi barra l-mansab li huwa taz-ziju ta' l-appellant David Borg. F'dan ix-xenarju fejn hemm kunflitt ta' provi, l-appellant David Borg kellu jkun illiberat mill-akkuzi kollha kontrih. Apparti minn hekk, li kieku l-appellant Borg kien qed jonsob hu wkoll ma kienx ikun hemm diffikulta' li jammetti kif ammetta Azzopardi minflok jikkontesta l-każ.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat.

**L-Appell ta' Christian Azzopardi dwar il-piena.**

L-ewwel appell huwa ta’ Christian Azzopardi li jikkontendi li ġaladarba għamel ammissjoni bikrija, allura l-piena ma messiex kienet daqshekk qawwija kif ukoll li ma kellhiex tkun sospiża l-liċenzja tal-kaċċa għal sena.

Din il-Qorti bħala regola ma tbiddilx il-piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun waħda fil-parametri tal-Liġi u ma tkunx waħda sproporzjonata.

L-ewwelnett l-appellant jissottometti li ma kien hemm hemm ebda motivazzjoni għala din is-sentenza.

Bir-rispett kollu l-Qorti mhix tilqa’ din is-sottomissjoni minħabba li imkien fl-artikolu 382 tal-Kap 9 m’hemm imniżżel li għandhom jingħataw raġunijiet. Filfatt kien deċiż hekk minn din il-Qorti diversament preseduta:

*‘ L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jirrikjedix li l-Qorti Inferjuri meta tagħti sentenza kontra imputat toqgħod timmotiva s-sentenza billi ssemmi xi raġunijiet li wassluha għall-konklużjoni ta’ ħtija; kull ma dan l-artikolu jirrikjedi hu li jissemmew il-fatti li tagħhom l-imputat ikun qed jiġi misjub ħati, l-artikolu tal-liġi li jkun jikkontempla r-reat u l-piena. Lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Qorti Kriminali ma huma meħtieġa li jimmotivaw is-sentenzi tagħhom ħlief meta jiġu deċiżi kwistjinijiet ta’ dritt (artikolu 662(2) tal-Kodiċi Kriminali). 1***[1]**

It-tieni konsiderazzjoni tal-Qorti hija dwar il-multa li l-appellant Christian Azzopardi jissottometti li aktar toqrob lejn il-massimu meta huwa kien għamel ammissjoni bikrija. Il-Qorti qed tqis li l-imputat Christian Azzopardi kellu erba’ imputazzjonijiet dedotti kontra u mhux waħda biss. L-appellant donnu jinsa dan għal kollox. Il-Qorti qed tqis li mill-imputazzjonijiet jirriżulta li ntużaw żewġ mezzi ipprojbiti – wieħed taħt l-artikolu 7(1)(d) u l-ieħor taħt l-rtikolu 7(1)(ċ) li huma distinti minn xulxin u li ma hemm bażi legali għall-assorbiment taħt l-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Għalhekk kellha tkun imposta multa għal kull

1[1] Il-Pulizija versus Alfred Zahra u Jean Claude Cassar 24 t’Ottubru 1997 Imħallef l-Onor Vincent de Gaetano Volume LXXXI. IV paġina 293

imputazzjoni u imbagħad ikun applikat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9. Ukoll jekk wieħed japplika l-artikolu 17(f) dwar il-multi, somma ħafifa twassal li l-multa imposta mill-Ewwel Onroabbli Qorti hija ħafna raġjonevoli. Il-fatt li wieħed ikun ammetta mal-ewwel ma jfissirx li huwa intitolat li jkun ikkundannat iħallas multa minima jkunu xi jkunu n-numru u l-kwalita' tal-imputazzjonijiet. Għalhekk dwar il-multa l-appellant m'għandux raġun.

L-appellant jillamenta wkoll li kienet sospiża l-liċenzja tal-kaċċa. Il-Qorti hawn analizzat taħt liema klassifikazzjoni u skema jaqa' l-pluvier.

Dan jaqa' taħt il-Charadriiformes (pluvialis apricaria jew pluvialis squatoraola) li huma mniżżlin fl-Iskeda Numur II. Dan l-eżerċizzju sar minħabba dak li jgħid i l-artikolu 27 (3)(b) proviso li jipprovdi hekk:

*'Iżda persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, liema reat ikun jinvolvi lil xi għasfur inkluż fl-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, tista' teħel piena skond is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament. '*

La l-pluvier ma jaqax fl-Ewwel Skeda u la l-imputat Christian Azzopardi ma kienx qed jinstab ħati għat-tieni darba (ara l-paragrafu 3(b) tar-regolament 27), isegwi li l-Qorti ma kellhiex is-setgħa li tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tal-kaċċa.

Għalhekk il-Qorti qed tilaqa' s-sottomissjoni tal-appellant Christian Azzopardi dwar is-sospensjoni tal-liċenzja tal-kaċċa.

Għalhekk il-Qorti qed tiddisponi mill-ewwel appell, dak ta' Chritian Azzopardi kif ġej: Li tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorobbli Qorti mogħtija fl-ismijiet premessi fl-20 t'Ottubru 2010 billi tikkonfermha fejn sabet ħati lil Christian Azzopardi, ikkundannatu jħallas elf Ewro (€1000) u kkonfiskat l-oġġetti esibiti u qed tħassarha biss dik il-parti fejn ordnat l-iskwalifika tal-liċenzja tal-kaċċa għal sena.

**L-Appell ta' David Borg**

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid. PS 1298 Lambert Zammit xehed li David Borg kien ħareġ minn kamra li qal li d-dura kienet ta' zijuh u li kien illarga u 'qagħdu hemm floku'. Liċenzji tal-insib ma kellhomx. Ix-xhud ikkonferma li d-dura kellha kamra oħra ħdejha. Fil-kamra kien hemm tlieta min-nies u wieħed kien rieqed. Il-persuna li kienet fuq il-mansab kien Christian Azzopardi.

L-imputat xehed li kein tela' sa ħdejn il-ħabib tiegħu Christian Azzopardi u ħadulu xi ħaġa tal-ikel. Huwa kien qagħad jara t-televixin, jiekol u jixrob. Peress li kien sar naqra ħin iddeċieda li jorqod hemm. Għal xi 01.30 pm ħass tektika fuq il-bieb. Huwa kien rieqed ħdejn persuna oħra. Kien hemm tlieta reqdin u wieħed barra. Kien qed jonsob Christian Azzopardi. L-imputat qal li hu mhux dilettant tal-insib.

Xehed ukoll Christian Azzopardi li qal li l-Pulizija keinu qabduh filfatt. Kien hu li ħareġ il-birdcaller minn fejn kien. Kien telgħu sa ħdejh għax hu ma setax jiċċaqlaq minn hemm. Kienu ħadulu l-ikel. Meta marru l-Pulizija David Borg kien rieqed ġewwa.

L-aħħar xhud kien Jean Paul Mifsud. Dan xehed li ienu aħdu naqra ikel lil Chrisitan Azzopardi. Huma raqdu hemmhekk wara li keinu gaħrrfu lill-ġenituri tagħhom dwar dan. Ix-xhud u David Borg kienu reqdin ħdejn xulxin. In-nassab ta' fuq il-post kien Christian Azzopardi.

Il-Qorti wiżnet din ix-xhieda. L-appellant jissottometti li nħoloq konflitt fil-provi. Il-Qorti taħgmilha ċara li, meta jkun hemm xi konflitt, dan ma jfissirx li awtomatikament m'hemmx provi. Il-Qorti tista' tħoll dan il-konflitt billi tara x'ser temmen. Hawn għandna li PS 1298 Lambert Zammit li kemm fl-affidavati kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti qal: 'Meta kellimnihom (innota l-plural) dawn qalulna li kienu qed jonsbu u li ma kellhomx liċenzja biex jonsbu.' Dan jinkludi x'qal David Borg u peress li dan huwa kliem l-imputat **innifsu** ma jitqiesx li huwa hearsay

iżda huwa aċċettat bħala prova valida li tista' tinġieb kontra l-imputat.

It-tieni jiriżulta ċar li David Borg kien jaf li Christian Azzopardi kien qed jonsob (fol 30) u li ħadulu l-ikel għaliex skond Christian Azzopardi stess:

'għax ma stajtx niċċaqlaq minn hemm. Taf kif ikunu l-affarijiet tal-insib.' (fol 34).

Dan kollu huwa ħarira biss 'il bogħod minn dak li jitlob l-artikolu 42(d)(e) biex wieħed jitqies bħala kompliċi.

Biss il-Qorti jibqgħalha a 'lurking doubt' dwar il-ħtija tal-appellant David Borg u għalhekk qed tilqa' l-appell tiegħu.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti,** qed tiddisponi mill-appell ta' Christian Azzopardi kif ġej: Li tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorobbli Qorti mogħtija fl-ismijiet premessi fl-20 t'Ottubru 2010 billi tikkonfermha fejn sabet ħati lil Christian Azzopardi, ikkundannatu jħallas elf Ewro (€1000) u kkonfiskat l-oġġetti esibiti u qed tħassarha biss dik il-parti fejn ordnat l-iskwalifika tal-liċenzja tal-kaċċa għal sena. U l-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta' David Borg billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-20 t'Ottubru 2010 fil-konfront ta' David Borg fejn huwa kien instab ħati, immultat €1000 u kien skwalifikat mil-liċenzja tal-kaċċa għal żmien sena u minflok qed tiddikjara li David Borg mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u qed tilliberah minn kull piena u minn kull skwalifika tal-liċenzja tal-kaċċa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------